MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Numru. 576/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL**

**VS**

**QUINCY LESLIE BREGMAN**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Quincy Leslie Bregman, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 329701L.

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa Triq il-Mistra, San Pawl il-bahar, Malta, nhar is-6 ta` Jannar 2012 ghal habta tas-

sitta u nofs ta` filghaxija (06:30pm), waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni QLB 021 ta` l-ghamla Mini Cooper S:

1. B’nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna griehi ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Giovanna Grech, ID 537072M, skont kif iccertifika Dr. Rene Camilleri MD 3025 mill-isptar Mater Dei;

2. Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, b’nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna griehi ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Oliver Borg, ID 44660M, skont kif iccertifika Patrick Farrugia MD 2650 tal-Mater Dei;

3. Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi b’nuqqas ta` hsieb, bi taraskuragni jew b’nuqqas hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna griehi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Anthony Xuereb, ID 579262M, skont kif iccertifika Dr. Rene Camileri MD 3025 minn l-isptar Mater Dei;

4. Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi b’nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna griehi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Anthony Xuereb, ID 579262M, skont kif iccertifika Dr. Rene Camilleri MD 3025 minn l-isptar Mater Dei;

5. Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi b’nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna hsara fuq vettura bin-numru t`registrazzjoni IMY 289 ghad-deteriment ta` Anthony Xuereb, ID 579262M;

6. Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi saq vettura QLB 021 b’manjiera traskurata, bla kont u b’manjiera negligent.

F’kaz ta` htija, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tigi skwalifikata l-licenzja/i tas-sewqan.

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 226 (1) b, 221 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Semghet ix-xhieda imressqa u rat l-provi prodotti;

Rat u ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu l-ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat. Fir-rigward tal-piena, l-Qorti wara hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz specjalment ix-xhieda tal-PL Quentin Tanti temmen illi piena karcerarja effettiva ma tapplikax ghal dan il-kaz. Il-PL Quentin Tanti josserva li tort kontributorju ghal dan l-incident kien l-ilma li kien jinsab fuq il-*bridge* tal-Mistra illi filfatt ikkontribwixxa biex isehh dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiddeciedi li tapplika l-Artikolu 51 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta billi tinzel taht il-minimu kif preskritt mil-Ligi. Ghalhekk waqt li qed issib l-imputat hati, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------